

Risposta għal ilment multiplu dwar ksur allegat mill-Italja tar-regoli tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni tal-għalliema b'terminu fiss.

Numru ta' referenza: CHAP (2021)03439

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar in-nuqqas ta' rikonossiment tar-rekord tal-impjeg tal-għalliema fil-“scuole paritarie” (skejjel privati akkreditati) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-grad tal-paga tagħhom.

L-ilmentaturi jindikaw li s-sistema edukattiva nazzjonali Taljana tikkonsisti fi skejjel tal-Istat u fi “scuole paritarie” akkreditati, jiġifieri skejjel li jitolbu ħlas ta' tariffa u li jsegwu s-sillabu tal-iskola tal-Istat. L-akkreditazzjoni tingħata lill-iskejjel mhux Statali li japplikaw għaliha, dment li dawn jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, stipulati mill-Istat, pereżempju fir-rigward tal-kwalifiki tal-għalliema. Filwaqt li l-esperjenza miksuba fi skejjel privati akkreditati hija rikonossuta għall-fini tal-għoti ta' kuntratti tat-tagħlim b'terminu fiss u tal-għoti ta' impjeg sussegwenti fl-iskejjel tal-Istat, l-ilmentaturi jindikaw li, skont l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297 tas-16 ta' April 1994, il-Ministeru tal-Edukazzjoni Taljan ma jirrikonossix din l-esperjenza għad-determinazzjoni tal-grad tal-paga tal-għalliema reklutati għodda, iżda biss l-esperjenza miksuba fl-iskejjel tal-Istat jew l-ekwivalenti tagħhom.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CHAP(2021)03439.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li twieġeb malajr u tinforma lil daww ikkonċernati kif ukoll minħabba l-interess pubbliku potenzjalment usa' fil-kwistjoni li qajmu l-ilmentaturi, qed tippublika din il-konferma tar-riċevuta fuq il-[paġna speċifika tas-sit web Europa](#). L-ilmentaturi se jiġu infurmati, mill-istess kanal ta' informazzjoni, dwar ir-riżultati tal-eżami tal-Kummissjoni ta' dawn l-ilmenti u dwar s-segwitu li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiegħu.

Il-Kummissjoni kkomunikat il-valutazzjoni tagħha dwar din il-kwistjoni fil-kuntest ta' petizzjoni indirizzata lill-Parlament Ewropew (petizzjoni Nru 1451/2020¹):

“Iż-żewġ għanijiet ewlenin tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss² huma li l-ħaddiema li huma impjegati b'kuntratti għal terminu fiss ma jsofrux minn diskriminazzjoni mhux ġustifikata u li kuntratti suċċessivi għal terminu fiss bejn l-istess impjegatur u l-istess impjegat għall-istess xogħol għandhom jiġu evitati, u, f'każ ta' abbuż, għandhom jiġu ssanzjonati.

Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas tipprojbixxi lil impjegaturi milli jittrattaw lill-ħaddiema għal terminu fiss b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema permanenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjeg tagħhom, sakemm it-trattament differenzjali ma jkunx jista' jiġi ġġustifikat fuq bażi oġġettiva. Madankollu, din il-klawżola ma tapplikax għal diskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjeg ta' kategoriji differenti ta' ħaddiema b'terminu fiss.

Fil-petizzjoni tagħha, il-petizzjonanta iddikjarat li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni nkiser, peress li s-snin ta' servizz b'kuntratti għal terminu fiss huma rikonossuti, għall-

¹ Xi wħud mill-ilmentaturi għal dan l-ilment multiplu qed jappoġġaw ukoll il-petizzjoni li ġejja: https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/PETI-CM-694981_EN.pdf

² Il-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li huwa anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43–48.

finijiet ta' mobilità, għall-għalliema fl-iskejjel tal-Istat, iżda mhux għall-persunal tat-tagħlim fi skejjel privati akkreditati mill-Istat. Il-paragun f'dan il-każ huwa bejn l-għalliema li huma ħaddiema għal terminu fiss fi skola tal-Istat u l-għalliema li huma ħaddiema għal terminu fiss fi skejjel privati akkreditati mill-Istat.

It-trattament differenzjali bejn għalliem b'terminu fiss u għalliem ieħor b'terminu fiss minħabba jekk l-impjegatur huwiex skola tal-Istat jew skola privata akkreditata mill-Istat, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss, u lanqas tad-Direttivi 2000/78/KE u 2006/54/KE.”

Il-Kummissjoni tinnotta li l-ilmentaturi lanqas biss jispjegaw għaliex dawn id-direttivi jkunu jinkisru.

Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li trattament differenzjali bejn għalliem b'terminu fiss u għalliem ieħor b'terminu fiss minħabba jekk l-impjegatur huwiex skola tal-Istat jew skola privata akkreditata mill-Istat, mhuwiex irregolat mid-dritt tal-UE.

Din is-sitwazzjoni hija rregolata mid-dritt nazzjonali Taljan.

Skont il-fajl ippreżentat mill-ilmentaturi, il-kawża diġà tressqet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, li ddeċidiet fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju 2021 li “mhuwiex illegali li xogħol pre-permanenti fi skejjel privati akkreditati mill-Istat ma jitqiesx għall-finijiet ta' rikostruzzjoni tal-karrieri fl-iskejjel tal-Istat”.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni biħsiebha tagħlaq dan l-ilment.

Jekk l-ilmentaturi jkollhom xi informazzjoni ġdida li tista' tkun rilevanti għall-valutazzjoni mill-ġdid ta' dan l-ilment, huma jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, wara liema data se jingħalaq il-każ.